# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Marzu 2002**

**Citazzjoni numru 768/89**

**John Formosa ghan-nom u in rapprezentanza ta' "J.P. Advertising Limited"**

**vs**

**Charles Brincat u Joseph Agius**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici pprovdiet lill-konvenuti, proprjetarji ta' "Zonqor Point Restaurant" gewwa Marsascala servizzi ta' stampar, publikazzjoni u reklamar relattivi ghall-imsemmi restaurant;

Illi l-hlas dovut ghal-dawn is-servizzi jammonta b'kollox ghas-somma ta' elf mija u erbgha u disghin lira (Lm1,894) skond prospett u numru ta' invoices hawn annessi (Dok.A - dok. E);

Illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tikkundannhom ihallsu is-somma msemmija ta' Lm1894 lis-socjeta attrici;

2. Tikkundannahom ihallasu din is-somma solidalment bejneithom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja tat-30 ta' Novembru 1988, ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu l989, u mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-interessi legali mid-dati tad-diversi 'invoices' kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi ghar-rigward dik il-parti mill-ammont pretiz mill-attur nomine ghal reklamar fil-magazine "Circle" (Invoices docs B u C), it-talba attrici hija insostenibbli stante li l-attur nomine bhala responsabbli ghall-hrug tal-istess magazine, bir-reklamar iktar ikkaguna hsara lill-konvenuti;

2. Illi ghar-rigward il-bqija tal-ammont pretiz mill-attur nomine, it-talba attrici hija infondata stante li l-ftehim ghar-reklamar kien gie rexxiss ghall-ragunijiet gusti skond il-ligi;

3. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Agius huma infondati stante li kwalsiasi ftehim sar u kien jorbot biss lill-konvenut Brincat;

4. Illi wkoll bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, iz-zewg talbiet messhom saru f'talba wahda u kwindi l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu l-ispejjes tat-tieni talba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Novembru 1989 li bih gie nominat bhala Assistant Gudizzjarju Dr. Tony Degaetano bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Ottubru 1991 li bih gie nominat bhala perit legali Dr. Simon Tortell;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Gunju 1993 li bih gie sospiz l-inkarigu mghoti lill-imsemmi perit legali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 1998;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti, in solidum bejnithom, fis-somma ta' elf tmien mija u erbgha u disghin liri maltin (Lm1894). Il-konvenuti kienu jgestixxu flimkien ir-ristorant mgharuf bhala "Zonqor Point Restaurant" gewwa Marsascala. Skond is-socjeta attrici l-imsemmi ammont hu dovut ghall servizzi ta' stampar, publikazzjoni u reklamar provduti mis-socjeta attrici ghar-rigward tal-imsemmi ristorant ghal beneficju tal-konvenuti;

Il-konvenuti jeccepixxu li dik il-parti tal-ammont pretiz li tirreferi ghall-reklami li deheru fil-magazin "Circle" (Invoices - dokumenti B u C) mhux dovuta stante li is-socjeta attrici kienet ukoll responsabbli ghall-hrug tal-istess magazine, u fil-harga in kwestjoni iktar giet kagunata hsara lill-konvenuti. Il-konvenuti jsostnu li anke r-rimanenti parti mhux dovuta stante li l-ftehim ghar-reklamar kien gie rexxiss ghall-ragunijiet gusti skond il-ligi. Finalment il-konvenuti qed jeccepixxu li semmai l-ftehim sar biss mal-konvenut Brincat u ghalhekk il-konvenut l-iehor ma ghandu l-ebda responsabilita';

Jirrizulta li fil-harga tas-"Circle" tas-Sajf 1988, li hi pubblikazzjoni tas-socjeta attrici, kien deher riklam tar-ristorant tal-konvenuti u kien deher ukoll artikolu li fih issemma l-istess ristorant. Il-konvenuti jsostnu li b'dan l-artikolu saret hsara lill-istess ristorant. Jirrizulta li, b'mod generali, f'dan l-artikolu ntqal li l-ikel servut fir-ristorant in kwestjoni hu tajjeb hafna pero s-servizz mhux daqstant tajjeb. In vista tal-ilmenti tal-konvenuti jirrizulta li l-istess konvenuti nghataw id-dritt li jirrispondu b'artikolu iehor li deher fil-harga sussegwenti tal-istess pubblikazzjoni;

Il-konvenut Charles Brincat xehed li huwa kien qed jiftiehem mas-socjeta attrici ghar-rigward ta riklami tar-ristorant li kellhom jidhru f'supplement li kien ser jigi pubblikat mas-Sunday Times. Fil-frattemp deher l-imsemmi artikolu fis-Circle. Peress li skond il-konvenut Brincat dan l-artikolu kien jghamel hsara lill ristorant huwa kkancella r-riklami li kellhom jidhru fl-imsemmi supplement. Huwa qal li fl-istess harga fejn deher l-imsemmi artikolu, kien hemm riklam "full page" tar-ristorant in kwestjoni. Huwa qal li huwa qatt ma ordna dan ir-riklam. Huwa jghid ukoll li qatt ma ta l-artikolu responsiv li deher fil-harga sussegwenti tal-pubblikazzjoni Circle. Huwa kkonferma li fil-fatt ir-riklam deher fis-supplement tat-Times, nonostante li huwa kien waqqaf kollox. Huwa qal ukoll li sabiex ikun jista jidher il-riklam fit-Times huwa kien ftiehem ma zewg ditti, li kienu jissupplixxu ir-ristorant tieghu u li kienu ser jiehdu pubblicita', sabiex jikkontribwixxu ghall-ispejjez tar-riklam. Qal li ma jiftakarx jekk avzax dawn iz-zewg ditti wara li waqqaf ir-riklam. Hu qal li hu zgur li l-flus minnghand dawn iz-zewg ditti ma hadhomx;

F'dan kollu li qal il-konvenut Brincat mhux ghal kollox affidabbli u kredibbli. Jigi rilevat li gie konfermat, b'mod pjuttost konvincenti, li r-riklami kollha in kwestjoni gew effettivament ordnati mill-konvenuti. Jidher inoltre li l-konvenut Brincat kien ikkonferma ir-riklami kollha li kellhom jidhru basta li jkollu assikurazzjoni li kien ser jigi pubblikat l-artikolu responsiv fil-harga sussegwenti tas-Circle. Jidher ukoll li l-istess konvenut Brincat kien iddikjara ruhu sodisfat bir-riklam li deher fis-suppliment tat-Times. Jidher inoltre li l-artikolu responsiv kien gie konsenjat lis-socjeta attrici minn terzi ghan-nom tal-konvenuti. Jidher ukoll li, almenu fil-konfront ma ditta wahda li bbenefikat ukoll mir-riklami in kwestjoni, l-konvenuti naqsu ammont ghall-istess riklam mis-somma komplessiva li huma kienu jafu lill-istess ditta;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda, inkluza t-tielet eccezzjoni u dana peress li l-konvenut Brincat stess ammetta li fiz-zmien in kwestjoni huwa kien igestixxi r-ristorant in kwestjoni flimkien mal-konvenut l-iehor;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti, in solidum bejnithom, li jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tmien mija u erbgha u disghin liri maltin (Lm1894) u dana ghas-servizzi ta' stampar, publikazzjoni u reklamar. Bl-imghaxxijiet kollha legali minn Novembru 1988;

L-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.